

Brussell, 7 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12594/1/21
REV 1

CLIMA 292
ENV 736
ONU 92
DEVGEN 172
ECOFIN 948
ENER 416
FORETS 53
MAR 189
AVIATION 253

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12306/21	
Suġġett:	Tħejjijiet għal-laqqgħat tal-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (Glasgow, 31 ta' Ottubru - 12 ta' Novembru 2021) – Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fit-3815-il laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Ottubru 2021.

It-test fil-paragrafu fir-raba' inċiż tal-paragrafu 22 ġie emendat sabiex jiżdiedu l-kliem "mill-UE".

**Tħejijiet għal-laqqhat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima
(UNFCCC)**

(Glasgow, 31 ta' Ottubru – 12 ta' Novembru 2021)

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

L-URĠENZA TAL-AZZJONI DWAR IL-KLIMA

1. JISĦAQ li t-tibdil fil-klima huwa theddida diretta u eżistenzjali għall-umanità u l-bijodiversità li tolqot lill-pajjiżi kollha; madankollu, l-azzjoni globali dwar il-klima għadha insuffiċjenti. JENFASIZZA l-urġenza estrema li jissaħħaħ ir-rispons globali biex tiġi indirizzata l-emerġenza klimatika b'azzjoni ta' mitigazzjoni u ta' adattament, li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-persuni, tal-ġajxien, tal-ekonomija u tal-ekosistemi; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' tranżizzjoni globali lejn ekonomiji u soċjetajiet newtrali għall-klima, reżiljenti, sostenibbli, ċirkolari u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi. Din it-tranżizzjoni jeħtieġ li tkun ġusta u tiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.
2. JESPRIMI l-apprezzament qawwi tiegħu għall-ħidma mwettqa mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) u JILQA' l-kontribut tal-Grupp ta' Ħidma I dwar il-Bażi tax-Xjenza Fiżika tat-tibdil fil-klima (WG I) għas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni (AR6) tal-IPCC; JISTENNA B'INTERESS il-kontributi tal-WG II u III għall-AR6 dwar l-Impatti, l-Adattament u l-Vulnerabbiltà kif ukoll dwar il-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima; f'dan il-kuntest HUWA FERM MĦASSEB minħabba l-evidenza ta' ħafna bidliet bla preċedent u irriversibbli fis-sistema tal-klima fir-reġjuni kollha tad-dinja rrapportati mill-IPCC, li b'mod inekwivoku tikkonferma li l-influwenza tal-bniedem saħħnet l-atmosfera, l-oċean u l-art. ITENNI s-sejba ewlenija tal-WG I dwar l-AR6, li l-firxa tat-tibdil fil-klima fil-ġejjieni tiddependi fuq l-emissjonijiet futuri, u t-tisħin globali jista' biss jiġi limitat għal 1.5°C jekk isir tnaqqis qawwi u sostnut fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra (GHG) fid-deċennji li ġejjin u l-emissjonijiet globali tad-diossidu tal-karbonju jilħqu zero netti għall-ħabta tal-2050. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tiżdied b'mod urġenti l-ambizzjoni globali ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-futur qrib, ferm qabel l-2030, abbażi tal-aħjar xjenza disponibbli.

3. JENFASIZZA l-opportunitajiet u l-vantaġġi ekonomiċi u soċjetali tal-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih għall-pajjiżi kollha, speċjalment fid-dawl tal-irkupru ekoloġiku bħala rispons għall-pandemija tal-COVID-19. Billi jinvestu fl-innovazzjoni u fl-impjiegi ekoloġiċi, is-soċjetajiet kollha jistgħu jibbenefikaw minn tranżizzjoni ġusta u ekwa lejn mudell ekonomiku ekoloġiku ġdid. ITENNI li għal tranżizzjoni ekoloġika huwa essenzjali li l-flussi finanzjarji jkunu konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u ma' żvilupp reżiljenti għall-klima. IKOMPLI JTENNI li l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli huma interkonnessi u marbuta ma' xulxin b'mod qawwi.
4. JIBQA' FERM IMĦASSEB minħabba l-fatt li, b'mod kollettiv, il-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) ippreżentati mill-Partijiet u t-trajettorji tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra attwali għadhom ferm 'il bogħod minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi. F'dan ir-rigward, JILQA' r-Rapport ta' Sintesi dwar l-NDCs imħejji mis-Segretarjat tal-UNFCCC, li jista' jassisti lill-Partijiet fil-valutazzjoni tal-progress tal-azzjoni dwar il-klima.
5. JISĦAQ li l-Partijiet kollha, speċjalment l-emittenti ewlenin, iridu jżidu l-ambizzjoni tagħhom kemm fuq perijodu qasir kif ukoll fit-tul u jsaħħu l-azzjoni dwar il-klima, inkluż permezz tal-użu tal-ipprezzar tal-karbonju, filwaqt li jfakkar fir-rikonossiment reċenti tal-pajjiżi tal-G20 tal-importanza li tiġi aċċellerata l-azzjoni f'dan id-deċennju. F'dan il-kuntest, JAGĦRAF l-importanza li titwaqqaf id-deforestazzjoni u li jissaħħu s-sigurtà tal-ilma u tal-ikel, l-iżvilupp sostenibbli, il-qerda tal-faqar, il-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-integrità tal-ekosistemi kollha.
6. IFAKKAR li l-UE hija impenjata li tippromwovi approċċ ibbażat fuq l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għad-drittijiet tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali u JAGĦRAF li l-politiki dwar it-tibdil fil-klima għandhom impatti differenzjati skont il-ġeneru u li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiżiż tal-pożizzjoni tan-nisa jeħtieġ li jiġu promossi għal azzjoni effettiva dwar il-klima.

7. JIRRIKONOXI t-talbiet qawwija tas-soċjetà ċivili, speċjalment mit-tfal u ż-żgħażaġh, għal azzjoni klimatika aktar ambizzjuża, filwaqt li titqies l-ekwità interġenerazzjonali, u l-hteġa li tiġi stabbilita tranżizzjoni ekoloġika ta' benefiċċju soċjali li tqis il-ħtiġijiet taċ-ċittadini; f'dan il-kuntest JAGĦRAF l-importanza tal-parteeipazzjoni pubblika u l-impenn attiv kif ukoll l-aċċess għall-informazzjoni fl-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-azzjoni dwar il-klima.
8. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Mejju 2021¹ u JTENNI l-importanza tal-momentum globali biex tiżdied l-azzjoni globali dwar il-klima. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 2021 dwar id-Diplomazija dwar il-Klima u l-Energija² u JISSOTTOLINJA li t-tibdil fil-klima jirrappreżenta theddida għall-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali, li twassal għal effetti negattivi serji għall-komunità internazzjonali. ITENNI f'dan ir-rigward l-importanza ta' azzjoni koordinata b'saħħitha tal-UE u l-Istati Membri tagħha permezz ta' diplomazija Ewropea attiva dwar il-klima u l-enerġija.

IT-TISĦIĦ TAL-AZZJONI, L-AMBIZZJONI U L-APPOĠĠ

9. Qabel il-COP26, ITENNI li l-impenn internazzjonali permezz ta' multilateraliżmu b'saħħtu bbażat fuq ir-regoli huwa kruċjali biex jinkisbu riżultati ta' suċċess fl-indirizzar tat-tibdil fil-klima. JAPPELLA lill-Partijiet kollha biex jippreżentaw miri u politiki nazzjonali ambizzjużi u JHEĠĠEGĠ b'mod partikolari ekonomiji ewlenin li għadhom ma għamlux dan, biex jikkomunikaw jew jaġġornaw NDCs imtejba u ambizzjużi fil-ħin għall-COP26, u biex jippreżentaw ukoll strateġiji fit-tul għal żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra (LT-LEDS) biex jintlaħaq l-għan ta' emissjonijiet zero netti sal-2050. JINNOTA li hija meħtieġa ħafna aktar ambizzjoni globali jekk irridu naslu fi Glasgow b'impenji li, b'mod aggregat, iżommu l-oġettiv ta' 1.5°C fattibbli, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

¹ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-5-2021-INIT/mt/pdf>

² <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-5263-2021-INIT/mt/pdf>

10. JENFASIZZA li l-kisba tal-għanijiet kollha tal-Ftehim ta' Pariġi hija impenn komuni tal-Partijiet kollha u li r-rispett tar-regoli u l-linji gwida għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi b'mod dettaljat, komprensiv, robust u operazzjonali huwa objettiv komuni tal-COP24 għall-Partijiet kollha.
11. IFAKKAR fil-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala l-istrateġija tal-UE għal tkabbir sostenibbli, u l-impenn tagħha għan-newtralità klimatika sal-2050 ikkomunikat fl-istrateġija fit-tul tagħha lill-UNFCCC fl-2020. JENFASIZZA wkoll li l-UE ppreżentat aġġornament ambizzjuż tal-NDC tagħha f'Diċembru 2020 b'mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku nett ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990. Dan huwa rispons għat-talba lill-Partijiet kollha biex jikkomunikaw jew jaġġornaw l-NDCs tagħhom sal-2020 u għall-objettiv li tiżdied l-ambizzjoni għall-ogħla livell possibbli meta jiġu aġġustati l-NDCs kif miftiehem f'Pariġi. JISĦAQ li l-Liġi Ewropea dwar il-Klima tistabbilixxi fil-leġiżlazzjoni tal-UE kemm l-objettiv li tinkiseb newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, bil-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, kif ukoll mira klimatika aktar ambizzjuża għall-2030.
12. JENFASIZZA li dan l-impenn ser jiġi implimentat abbażi tal-pakkett ta' proposti leġiżlattivi "Lesti għall-mira ta' 55 %" adottat mill-Kummissjoni Ewropea f'Lulju 2021, li jwieġeb għall-ħtieġa li jiġi aġġornat il-qafas ta' politika eżistenti tal-UE dwar il-klima u l-enerġija billi jiġu riveduti l-politiki tal-UE dwar il-klima, l-enerġija, l-użu tal-art, it-trasport u t-tassazzjoni. IFAKKAR li l-mira l-ġdida għall-2030 ser tintlaħaq b'mod kollettiv mill-UE bl-aktar mod kosteffettiv possibbli u l-Istati Membri kollha ser jipparteċipaw f'dan l-isforz, b'kont meħud tal-prinċipji ta' ġustizzja u solidarjetà, filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.
13. JISĦAQ li kwalunkwe regola dwar il-kooperazzjoni volontarja fl-implimentazzjoni tal-NDCs trid trawwem ambizzjoni globali, tiżgura l-integrità ambjentali, tevita l-għadd doppju, tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, u tiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem billi tinkludi salvagwardji rilevanti. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza ta' ħidma produttiva mal-Partijiet kollha biex jintlaħaq qbil dwar regoli robusti fi Glasgow.

14. ISOSTNI li l-isforzi ta' mitigazzjoni globali jeħtieġ li jiżdiedu b'mod sinifikanti, peress li dan ser inaqqas ir-riskji maħluqa mit-tibdil fil-klima, l-impatti tiegħu u l-ħtiġijiet ta' adattament. JAGĦRAF, madankollu, il-ħtieġa li b'mod kollettiv jiżdiedu l-isforzi ta' adattament b'mod urġenti, flimkien mat-tnaqqis tal-emissjonijiet, minħabba l-impatti klimatiċi inkorporati, u l-importanza kritika tal-adattament fir-rispons globali għat-tibdil fil-klima flimkien mal-kobenefiċċji multipli tiegħu. JENFASIZZA li l-UE qed taġixxi biex tadatta għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima permezz tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament bil-viżjoni fit-tul tagħha tal-UE biex issir soċjetà reżiljenti għall-klima sal-2050. Barra minn hekk, il-Liġi Ewropea dwar il-Klima tipprovdi l-bażi għal aktar ambizzjoni biex tingħata spinta lill-kapaċità ta' adattament, tissaħħaħ ir-reżiljenza u titnaqqas il-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-Komunikazzjoni tal-UE dwar l-Adattament biex jintwerew l-aħħar żviluppi fl-azzjoni ta' adattament tal-UE. JINNOTA li l-Istati Membri kollha tal-UE adottaw strateġiji nazzjonali ta' adattament.
15. JAGĦRAF l-importanza dejjem tikber għall-Partijiet kollha li tinbena r-reżiljenza u titnaqqas il-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. JIRRIKONOXXI l-ħtiġijiet speċifiċi u ċ-ċirkostanzi speċjali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħir li qed Jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima, li xi wħud minnhom saħansitra huma mhedda fl-eżistenza tagħhom stess. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar l-adattament³ u JENFASIZZA l-introduzzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-adattament fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament li ser iżżid l-appoġġ tal-UE għar-reżiljenza u t-tħejjija internazzjonali għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz ta' żieda fil-finanżjament internazzjonali u involviment globali aktar b'saħħtu. ITENNI li l-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw lill-pajjiżi sħab biex itejbu l-kapaċitajiet ta' adattament tagħhom għall-valutazzjoni, il-ġestjoni u t-tnaqqis tar-riskji klimatiċi, pereżempju billi jtejbu s-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inkluż it-tisħiħ tal-ħidma fuq data ambjentali aċċessibbli, interoperabbli u awtentika, u soluzzjonijiet diġitali mmexxija mid-data, kif ukoll billi javvanzaw l-assigurazzjoni u mekkaniżmi finanzjarji oħra għall-ġestjoni tar-riskji. Dawn l-attivitajiet ser jgħinu wkoll lill-komunitajiet vulnerabbli biex isaħħu r-reżiljenza tagħhom billi jimmaniġġjaw u jnaqqsu r-riskju ta' telf u ħsar.

³ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9419-2021-INIT/mt/pdf>

16. ITENNI li l-allinjament tal-flussi finanzjarji ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima huwa essenzjali biex tiġi xprunata l-bidla lejn ekonomija u soċjetà globali newtrali u reżiljenti għall-klima. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA l-ħtieġa tal-promozzjoni ta' finanza u investimenti sostenibbli. Ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-kontributur ewlieni fid-dinja tal-ġajnuna għall-iżvilupp u l-akbar kontributur ta' finanzjament għall-klima fid-dinja li jipprovdi mill-inqas terz tal-finanzjament pubbliku dinji għall-klima, fejn il-kontribuzzjoni tagħhom għal dan tal-aħħar żdiedet b'aktar mid-doppju mill-2013 'l hawn.
17. JIKKONFERMA MILL-ĠDID l-impenn kontinwu tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-klima bħala parti mill-ġan kollettiv tal-pajjiżi żviluppati biex b'mod konġunt jimmobilizzaw USD 100 biljun fis-sena sal-2020 u mbagħad sal-2025 minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, strumenti u mezzi fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni sinifikanti u trasparenza fir-rigward tal-implimentazzjoni. JISTIENEN lil pajjiżi oħra biex ukoll iżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-klima, u JAGĦRAF il-ħtieġa li jittejjeb aktar il-bilanċ bejn l-azzjoni ta' mitigazzjoni u dik ta' adattament, kif ukoll li tissaħħaħ il-kapaċità ta' assorbiment finanzjarju tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw.
18. JINKORAĠĠIXXI lill-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs) u lil istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali oħrajn biex iżidu b'mod konsiderevoli l-isforzi tagħhom biex jallinjaw l-istrateġiji, l-attivitajiet u l-investimenti tagħhom mal-ġanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, fil-kuntest li l-flussi finanzjarji kollha jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima, filwaqt li JILQA' l-istrateġiji stabbiliti minn qadd ta' MDBs ewlenin, fosthom, minn ta' quddiem nett, il-Bank Ewropew ta' Investiment, kif ukoll il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, u l-Grupp tal-Bank Dinji. ITENNI li l-finanzjament privat għall-klima huwa essenzjali għat-tranżizzjoni lejn ekonomija globali newtrali għall-klima. JIRREFERI għall-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament għall-klima qabel il-COP26.⁴

⁴ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-12203-2021-INIT/mt/pdf>

19. JISĦAQ li t-trasparenza u r-responsabbiltà mogħtija permezz tal-Qafas ta' Trasparenza Msaħħaħ kemm fir-rigward tal-azzjoni kif ukoll tal-appoġġ ser ikunu essenzjali biex tinbena u tinżamm il-fiduċja fost il-Partijiet hekk kif nimplimentaw l-impenji tagħna b'mod trasparenti, preċiż, komplut, komparabbli u konsistenti. JENFASIZZA s-sinifikanza tar-regoli biex jiġi segwit il-progress fl-implimentazzjoni u l-kisba tal-NDCs tal-Partijiet u JENFASIZZA l-importanza tar-regoli li japplikaw għall-Artikolu 6, biex jingħata lok għal ambizzjoni akbar u l-Partijiet jiġu meġġuna biex jilħqu, individwalment u kollettivament, l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.
20. ITENNI l-importanza ta' Rendikont Globali komprensiv u mmirat biex jipprovdi kontribut sinifikanti għaċ-ċiklu ta' ambizzjoni ta' ħames snin tal-Ftehim ta' Pariġi u jżid l-ambizzjoni globali fid-dawl tal-aktar xjenza reċenti. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-inputs meħtieġa jkunu disponibbli fi żmien tajjeb għall-ewwel Rendikont Globali li ser isir fl-2023. JENFASIZZA li l-outputs tar-Rendikont Globali għandhom jinfurmaw u jinċentivaw kontinwament azzjoni klimatika ambizzjuża msaħħa, kemm kollettivament kif ukoll individwalment. Ir-Rendikont Globali b'mod partikolari għandu jinkoraġġixxi lill-Partijiet kollha biex maż-żmien jimxu lejn miri ta' mitigazzjoni fl-ekonomija kollha fl-NDCs u l-LT-LEDS tagħhom, kif ukoll azzjoni msaħħa ta' adattament u ta' mezzi ta' implimentazzjoni, fid-dawl tal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi.

NIKSBU RIŻULTATI FI GLASGOW

21. JISTENNA B'INTERESS l-adozzjoni ta' eżitu komprensiv u bbilanċjat ta' Glasgow li ser jiżgura rispons globali ambizzjuż għat-tibdil fil-klima, biex b'hekk il-mira ta' 1.5°C tibqa' tista' tintlaħaq, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u fid-dawl tax-xjenza, b'mod partikolari r-rapport l-aktar reċenti tal-IPCC.

22. HUWA DETERMINAT li:

- fil-COP26 ilesti l-Ġabra tar-Regoli ta' Katowice abbażi tal-progress li sar fid-diskussjonijiet virtwali informali mill-COP25 fl-2019 'l hawn;
- jasal għal konklużjoni dwar regoli komprensivi tal-Artikolu 6 li jippermettu azzjoni, inkluż azzjoni volontarja b'rabta mas-suq tal-karbonju, konsistenti mal-ambizzjoni globali miżjuda meħtieġa u l-kisba tan-newtralità klimatika, u li jevitaw l-għadd doppju u lock-in għal perkorsi b'emissjonijiet għoljin, li jippromwovu l-progressjoni u l-iżvilupp sostenibbli, u li jiżguraw l-integrità u l-ambizzjoni ambjentali, jindirizzaw ir-riskji bħal pereżempju n-nonpermanenza u r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet, u japplikaw salvagwardji soċjali għall-attivitajiet permezz ta':
 - a) regoli komprensivi u robusti dwar il-kontabbiltà għar-riżultati kollha ta' mitigazzjoni internazzjonali billi jiġu applikati l-aġġustamenti korrispondenti, inkluż fir-rigward tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 6.4 u l-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA);
 - b) mekkaniżmu tal-Artikolu 6.4 ambizzjuż u li jħares 'il quddiem li jippermetti lill-Partijiet isaħħu l-isforzi ta' mitigazzjoni tagħhom billi jikkontribwixxu għall-istrateġiji ta' mitigazzjoni tagħhom stess, inkluż permezz ta' metodoloġiji ta' referenza ambizzjużi; u deċiżjonijiet għat-tranżizzjoni mill-mekkaniżmi tal-Protokoll ta' Kjoto permezz tal-bidu fil-pront tal-mekkaniżmu tal-Artikolu 6.4 u l-għeluq tal-mekkaniżmi tal-Protokoll ta' Kjoto b'mod li ma jdgħajjifx l-ambizzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi;
 - c) qbil dwar il-programm ta' ħidma għall-qafas għal approċċi mhux tas-suq li ser jiffaċilita s-sinerġiji u l-effiċjenzi fil-kooperazzjoni mhux tas-suq skont l-Artikolu 6.8;
- jikkonkludi l-arranġamenti taħt il-Qafas ta' Trasparenza Msaħħaħ, li huwa s-sinsla ta' Ftehim ta' Pariġi li jiffunzjona tajjeb, abbażi tal-modalitajiet, il-proċeduri u l-linji gwida maqbula f'Katowice u l-progress informali li sar mill-COP25 f'Madrid 'l hawn, filwaqt li jenfasizza l-importanza tal-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-assistenza teknika biex jiġi żgurat li l-Partijiet kollha li huma pajjiżi li qed jiżviluppaw jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-Qafas ta' Trasparenza Msaħħaħ;

- jesprimi, bil-ħsieb li jintlaħaq kunsens fi Glasgow, il-preferenza tiegħu għal skadenza komuni ta' ħames snin għall-NDCs tal-Partijiet kollha li ser tiġi implimentata mill-2031 'il quddiem, f'każ biss li l-Partijiet kollha jkunu meħtieġa jagħmlu dan u b'mod konsistenti mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

23. JISTENNA BIL-ĦERQA li:

- fil-COP26 iwettaq u jlesti r-reviżjonijiet tal-Grupp ta' Esperti tal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppatti u tal-progress, l-effettività u l-prestazzjoni tal-Kumitat ta' Adattament, rispettivament;
- jidħol f'diskussjonijiet dwar approċċi għar-rieżami tal-progress ġenerali li sar fil-kisba tal-Għan Globali dwar l-Adattament, abbażi tal-ħidma mwettqa mill-Kumitat ta' Adattament;
- javvanza l-ħidma relatata mal-adattament, inkluż attivitajiet rilevanti biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima taħt il-Mekkaniżmu Internazzjonali ta' Varsavja għal Telf u Ħsara, inkluż l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa u f'waqtha tan-Network ta' Santiago;
- jiffinalizza l-pjan direzzjonali tal-Ħidma Konġunta ta' Koronivia dwar l-Agrikoltura (KJWA) u jiddiskuti triq 'il quddiem possibbli;
- jikkonkludi r-reviżjoni b'suċċess tal-Programm ta' Ħidma ta' Doha dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif ukoll ifassal il-ħidma futura għall-implimentazzjoni tal-Azzjoni għal Awtonomizzazzjoni b'rabta mal-Klima;
- jagħti bidu għal deliberazzjonijiet biex jiġi stabbilit l-għan kwantifikat u kollettiv il-ġdid ta' wara l-2025 dwar il-finanzjament għall-klima fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni sinifikanti u trasparenza fir-rigward tal-implimentazzjoni, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bil-ħsieb li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima;

- ikun involut f'diskussjoni strateġika fi Glasgow mal-Partijiet kollha għall-Ftehim ta' Pariġi dwar l-indirizzar tal-LT-LEDS fil-perijodu ta' wara l-2020.

24. JENFASIZZA l-importanza ta' azzjoni mill-partijiet ikkonċernati mhux Partijiet kontraenti u JINKORAĠĠIXXI l-isforzi ulterjuri tagħhom lejn l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi u t-tnejja tar-Rendikont Globali, inkluż permezz tal-Aġenda għal Azzjoni Klimatika Globali.
25. Jifraħ lill-Gvern ta' Spanja u JIRRINGRAZZJAH talli ospita l-COP25, lill-Presidenza Ċilena tal-COP25, kif ukoll lill-Presidenza li jmiss tar-Renju Unit fil-COP26 u s-sieħeb tagħha l-Italja għall-ħidma u d-dedikazzjoni bla heda tagħhom fil-perijodu bejn il-COP25 u l-COP26, l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma u konsultazzjonijiet mal-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet u l-ministri, inkluż l-avveniment Pre-COP u Youth4Climate, u l-ħidma tagħhom mal-Partijiet, partijiet ikkonċernati mhux Partijiet kontraenti u NGOs. JILQA' l-ħidma mwettqa f'ambjent virtwali, fis-Sessjonijiet ta' Mejju-Ġunju tal-Korpi Sussidjarji fost oħrajn u JIRRIKONOXXI li hemm lezzjonijiet importanti x'jinsiltu dwar kif il-proċess tal-UNFCCC jista' jittejjeb fil-futur.

ORGANIZZAZZJONIJIET U PROĊESSI INTERNAZZJONALI OĦRAJN

26. JISSOTTOLINJA li t-tibdil fil-klima u l-kriżi tal-bijodiversità, id-deżertifikazzjoni kif ukoll id-degradazzjoni tal-art, tal-ilma u tal-oċeani huma interkonnessi b'mod qawwi u jsaħħu lil xulxin, u JISĦAQ li dawn jistgħu jiġu indirizzati b'suċċess biss b'approċċ koerenti li jinkludi strateġiji ta' benefiċċju reċiproku, inkluż soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura b'salvagwardji. JAPPELLA GĦAL kooperazzjoni u sinerġiji aktar mill-qrib fost il-Konvenzjonijiet ta' Rio u Ftehimiet Ambjentali Multilaterali oħra, kif ukoll inizzjattivi rilevanti oħra tan-NU u proċessi internazzjonali.
27. JIBQA' IMPENJAT B'MOD QAWWI għat-tisħiħ tas-sinerġiji bejn il-UNFCCC u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, inkluż l-allinjament mal-Qafas Globali tal-Bijodiversità għal wara l-2020, u biex ikomplu javvanzaw il-miżuri għal kobenefiċċji li jsaħħu lil xulxin għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u t-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità.

28. JIBQA' IMPENJAT ukoll li jfittex sinerġiji u jimmassimizza l-kontribut tal-azzjoni favur il-klima tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD), il-Forum tan-NU dwar il-Foresti, il-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-kisbiet tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
29. JIBQA' IMPENJAT li jenfasizza r-rwol fundamentali li għandhom il-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani u tal-ilma u l-ekosistemi b'saħħithom marbutin mal-ilma fir-reżiljenza għall-klima b'mod ġenerali, u l-importanza li ssir ħidma f'konformità mad-Deċennju ta' Azzjoni tan-NU dwar l-Ilma 2018–2028.
30. JISTIEDEN lill-Istati Membri kollha taħt l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) u l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) biex jiżguraw li l-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport marittimu jagħtu kontribut ġust biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod li ma jwaqqafx lill-istati milli jieħdu azzjoni aktar ambizzjuża, jiżgura l-integrità ambjentali, jevita l-għadd doppju, u ma jwassalx għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fuq rotot jew kummerċ, filwaqt li JISTIEDEN ukoll lill-IMO u lill-ICAO biex ikomplu jirrapportaw dwar l-attivitajiet tagħhom relatati mal-klima skont il-UNFCCC. JINKORAĠĠIXXI b'mod partikolari lill-IMO biex tavvanza l-ħidma tagħha għall-implimentazzjoni ta' miżuri fuq perijodu medju u fit-tul, u lill-ICAO biex tadotta mira ambizzjuża fit-tul għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fil-livell globali.
-